

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Proċeduri Tal-qorti](#) > [Kawżi Ċivili](#) > [Rikonoxximent U Infurzar Tad-deċiżjonijiet Tal-qorti](#) > [Kif Tinforza Deċiżjoni Ta' Qorti](#) > [Germany](#)

Kif tinforza deċiżjoni ta' qorti

 Ġermanja

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

1 Xi tfisser eżekuzzjoni fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali?

Eżekuzzjoni obligatorja (*Zwangsvollstreckung*) hija l-proċedura użata biex tiġi eżegwita pretensjoni tad-dritt privat b'kompulsjoni pubblika. L-Istat għandu s-setgħa li jeżegwixxi, u jopera permezz tar-rappreżentanti tiegħu b'konformità mal-awtorità sovrana tiegħu.

Hemm diversi miżuri disponibbli għall-eżekuzzjoni tal-pretensjoni tal-kreditur:

- Mandat ta' sekwestru (*Pfändung*) ta' oġġetti
- Mandat ta' sekwestru ta' pretensjonijiet u beni oħrajn miżmuma mid-debitur (b'mod partikulari, mandat ta' sekwestru ta' kontijiet bankarji jew mandat ta' sekwestru tal-qligħ)
- Mandat ta' deskrizzjoni (*Vermögensauskunft*)
- Miżuri koerċittivi (*Zwangsmassnahmen*) li jiżguraw li l-beni jiġu ċeduti jew li jiżguraw li jittieħdu ma jittiħdux azzjonijiet
- Reġistrazzjoni ta' ipoteka biex tiggarrantixxi pretensjoni (*Sicherungshypothek*)
- Bejgħ furzat (*Zwangsversteigerung*)
- Riċevitura (*Zwangsverwaltung*).

Eżekuzzjoni obligatorja fil-Ġermanja hija rregolata mill-Artikoli 704 *et seq.* tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili (*Zivilprozessordnung* - ZPO) u mill-Att dwar Bejgħ Furzat u Riċevitura (*Gesetz über die Zwangsversteigerung und Zwangsverwaltung* - ZVG).

L-Artikoli 946 *et seq.* Iz-ZPO fihom dispożizzjonijiet relatati mar-Regolament (UE) Nru 655/2014, li jirregola l-infurzar transfruntier tal-pretensjonijiet bejn l-Istati Membri tal-UE.

2 Liema awtorità jew awtoritajiet huma kompetenti għall-eżekuzzjoni?

Il-qorti lokali (*Amtsgericht*) li d-debitur ikollu l-post tar-residenza tiegħu fid-distrett tagħha hija kompetenti bħala l-qorti tal-eżekuzzjoni għal kwistjonijiet ta' eżekuzzjoni relatati ma' pretensjonijiet u beni oħra. Jekk id-debitur ma jkollu l-ebda post ta' residenza fil-Ġermanja, il-qorti kompetenti tkun dik li l-beni jkunu jinsabu fid-distrett tagħha (l-Artikoli 13, 828 ZPO).

Il-qorti lokali li l-biċċa art tkun tinsab hija fid-distrett tagħha hija kompetenti bħala l-qorti tal-eżekuzzjoni għall-bejgħ furzat u r-riċevitura (l-Artikolu 869 ZPO flimkien mal-Artikolu 1 ZVG).

Ipoteka biex tiggarrantixxi pretensjoni tiġi rreġistrata mill-qorti lokali fejn jinżamm ir-reġistru tal-artijiet (*Grundbuch*) (l-Artikolu 867 ZPO, l-Artikolu 1 tal-Kodiċi tar-Reġistru tal-Artijiet (*Grundbuchordnung*))

Il-qorti tal-proċess tal-ewwel istanza hija kompetenti għall-eżekuzzjoni biex tiżgura li l-azzjonijiet jittieħdu, jitħallew isiru jew jinżammu milli jsiru (l-Artikoli 887, 888, 890 ZPO).

Fil-każijiet l-oħrajn kollha, l-eżekuzzjoni titwettaq mill-uffiċjal ġudizzjarju (*Gerichtsvollzieher*) (l-Artikolu 753 ZPO).

3 Liema huma l-kundizzjonijiet biex jingħataw titoli jew deċiżjonijiet li jkunu eżekuttivi?

3.1 Il-proċedura

Il-proċedura tiddependi mill-miżura ta' eżekuzzjoni rispettiva mitluba. L-eżekuzzjoni ssejtn abbażi ta' sentenzi finali li ma jkunux għadhom jistgħu jiġu appellati jew li huma proviżorjament eżegwibbli (l-Artikolu 704 ZPO), sekwestru kawtelatorju (*Arrest*) u mandati kawtelatorji (*einstweilige Verfügungen*, (l-Artikoli 929, 936 ZPO) u d-dokumenti eżekuttivi l-oħrajn elenkati fl-Artikolu 794 ZPO; dan jinkludi mhux biss mandati tal-qorti iżda wkoll soluzzjonijiet mill-ħuqa quddiem bord tal-arbitraġġ (*Vergleiche vor Gütestellen*), soluzzjonijiet konklużi minn avukati (*Anwaltsvergleiche*), u atti notarili (*notarielle Urkunden*). Il-miżura ta' eżekuzzjoni tista' tintalab mill-korp kompetenti bl-użu tad-dokument eżekutorju.

Il-qrati jiddeċiedu dwar ir-rikors tal-kreditur, tipikament mingħajr ma qabel jisimgħu lid-debitur sabiex jiġi evitat li jiġi pperikolat is-suċċess tal-eżekuzzjoni. Id-dritt għal smiġħ jingħata bħala parti mill-miżura. Id-deċiżjoni dwar ir-rikors tinħareġ fil-forma ta' digriet. Id-deċiżjonijiet tal-qorti jistgħu jiġu appellati permezz ta' oġġezzjoni (l-Artikolu 766 ZPO) jew ilment immedjat (l-Artikolu 793 ZPO).

Fil-prinċipju ma hija meħtieġa l-ebda rappreżentanza legali (l-Artikolu 78 ZPO).

L-attenzjoni tal-attivitajiet tal-uffiċjal ġudizzjarju hija fuq l-eżekuzzjoni kontra l-proprjetà mobbli. Hawnhekk l-uffiċjal ġudizzjarju fil-prinċipju jippermetti li d-debitur iħallas bi nħasijiet parzjali, u huwa responsabbli li jiżgura li l-proċedura tal-eżekuzzjoni tiġi konkluża fil-ħin u b'mod effettiv. Wieħed mill-obbligi primarji tiegħu huwa li jikseb deskrizzjoni tal-beni taħt ġurament mingħand id-debitur. Oqsma oħra ta' kompetenza jinkludu:

- l-irkupru ta' proprjetà mobbli u immobbli (żgumbrament);
- it-tegħlib ta' reżistenza min-naħa tad-debitur għal azzjonijiet li obligat jippermetti;
- in-notifika, wara talba ta' parti, ta' dokumenti meħtieġa għall-eżekuzzjoni obligatorja;
- l-eżekuzzjoni tal-mandati għal sekwestru kawtelatorju u mandati kawtelatorji (meta din ma tkunx kwistjoni għall-qorti);
- l-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest wara rifjut ta' forniment tad-deskrizzjoni tal-beni.

Uffiċjal ġudizzjarju huwa uffiċjal tal-qorti f'*Land*, u huwa taħt is-superviżjoni tal-imħallef li jippresjedi l-qorti lokali. Madankollu, huwa funzjonalment indipendenti fl-eżerċizzju tal-obbligi ta' eżekuzzjoni tiegħu: din il-funzjoni amministrattiva ma tistax tintuża biex teżerċita influwenza fuqu. Il-miżuri meħuda u d-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż imfassla mill-uffiċjal ġudizzjarju jistgħu jiġu kkontestati billi titressaq oġġezzjoni (*Erinnerung*). L-istess japplika jekk l-uffiċjal ġudizzjarju jirrifjuta li jeżegwixxi l-mandat. L-ilmenti kontra n-natura tal-eżekuzzjoni obligatorja (oġġezzjonijiet) jinstemgħu mill-qorti b'ġurisdizzjoni għall-eżekuzzjoni.

Spejjeż tal-miżuri ta' eżekuzzjoni:

Il-liġi tippredvi metodi differenti ta' eżekuzzjoni, skont il-pretensjoni li trid tiġi żgurata. Il-miżuri ta' eżekuzzjoni differenti għandhom spejjeż differenti:

- a. Mandat ta' sekwestru ta' oġġetti:

Meta d-dritt għal pagament ta' somma ta' flus speċifika jiġi aċċettat, il-kreditur jista' jitlob lill-uffiċjal ġudizzjarju biex jeżegwixxi l-pagament. Titħallas tariffa ta' EUR 28.60 għas-sekwestru tal-proprjetà mobbli tad-debitur mill-uffiċjal ġudizzjarju, f'konformità mal-punt 205 tal-iskeda tat-tariffi (*Kostenverzeichnis - KV*) annessa mal-Att dwar l-ispejjeż tal-Uffiċjali Ġudizzjarji (*Gerichtsvollzieherkostengesetz - GvKostG*). Għall-bejgħ tal-oġġetti sekwestrati, għal irkant pubbliku (li jista' jkun irkant lokali jew irkant fuq l-internet aċċessibbli għall-pubbliku permezz ta' pjattaforma tal-irkant), jew għal realizzazzjoni f'xi forma oħra, hemm tariffa addizzjonali ta' EUR 57.20 li hija pagabbli f'konformità mal-punt 300 tal-iskeda tat-tariffi. Bħala prinċipju bażiku, jiġi impost ukoll nħas addizzjonali għall-ħin, f'konformità mal-punt 500 tal-iskeda, jekk ir-rapport imfassal mill-uffiċjal ġudizzjarju jindika li l-eżekuzzjoni tal-att uffiċjali tkun ħadet iktar minn 3 sigħat. L-ammonti addizzjonali jammontaw għal EUR 22.00 għal kull siegħa addizzjonali jew frazzjoni minnha. Barra minn hekk, hemm l-ispejjeż tal-uffiċjal ġudizzjarju, speċjalment fil-forma ta' spejjeż tal-ivvjaġġar (il-punt 711 tal-iskeda tat-tariffi).

- b. Mandat ta' sekwestru ta' pretensjonijiet tad-debitur:

Mandat biex titihallas somma ta' flus tista' tiġi miksuba wkoll permezz ta' rikors quddiem il-qorti għal mandat ta' sekwestru ta' pretensjoni tad-debitur (pereżempju għall-pagament ta' qligħ) u ċ-ċessjoni tagħha lill-kreditur, b'pagamenti li jitnaqqsu mid-dejn (*zur Einziehung*, "għall-ġbir") jew iċ-ċessjoni sservi ta' saldu tal-pretensjoni tal-kreditur fuq id-debitur (*an Zahlungs statt*, "minflok pagament") (l-Artikoli 829, 835 ZPO). Bħala regola, mandat ta' sekwestru u ċessjoni ta' pretensjoni isir rikors għalihom b'mod konġunt u kkombinat f'deċiżjoni ta' mandat ta' sekwestru u ċessjoni. Titihallas tariffa ta' EUR 22.00 għall-proċedimenti fuq ir-rikorsi, f'konformità mal-punt 2111 tal-iskeda tat-tariffi annessa mal-Att dwar l-Ispejjeż tal-Qorti (*Gerichtskostengesetz* – GKG). Iridu jitħallsu wkoll l-ispejjeż imġarrba mill-uffiċjal ġudizzjarju għan-notifika tad-deċiżjoni ta' sekwestru u ċessjoni lid-debitur terz u lid-debitur.

- c. Teħid ta' deskrizzjoni tal-beni:

L-uffiċjal ġudizzjarju jimponi tariffa ta' EUR 36.30 biex tittieħed deskrizzjoni tal-beni, f'konformità mal-punt 260 tal-iskeda tat-tariffi annessa mal-Att dwar l-Ispejjeż tal-Uffiċjali Ġudizzjarji.

- d. Eżekuzzjoni kontra proprjetà immobbli:

L-eżekuzzjoni obligatorja kontra l-proprjetà immobbli tad-debitur tiegħu l-forma ta' self ipotekarju mdaħħal fir-reġistru tal-artijiet, jew bejgħ furzat jew riċevitura tal-proprjetà.

Għad-dħul ta' self ipotekarju fir-reġistru tal-artijiet biex tiġi żgurata pretensjoni, trid titihallas tariffa, skont il-punt 14121 tal-iskeda tat-tariffi annessa mal-Att dwar l-Ispejjeż tal-Qorti u tan-Nutara (*Gerichts- und Notarkostengesetz* – GNotKG), bir-rata tat-tariffa ta' 1.0 bbażata fuq il-valur tal-pretensjoni li trid tiġi ggarantita (l-Artikolu 53(1) tal-Att). Fl-Anness 1 hemm tabella tat-tariffi għal valuri sa massimu ta' EUR 3 miljun.

It-tariffi tal-qorti għal proċeduri skont l-Att dwar Bejgħ Furzat u Riċevituri huma determinati mill-Parti 2, Taqsima 2, Subpartijiet 1 u 2 tal-iskeda tat-tariffi annessa mal-Att dwar l-Ispejjeż tal-Qorti. Trid titihallas tariffa ta' EUR 110.00 għal deċiżjoni dwar rikors għal ordni għall-bejgħ furzat ta' art jew dwar talba biex tintervjeni fil-proċeduri. Hemm ukoll tariffa għall-proċeduri stess, tariffa biex jinżamm mill-inqas irkant wieħed b'sejħa għall-offerti, tariffa biex jiġi konkluż il-bejgħ, u tariffa biex jitqassmu r-rikavati; kull waħda minn dawn it-tariffi tammonta għal rata ta' 0.5. It-tariffi għall-proċeduri u biex jinżamm l-irkant jiġu determinati b'referenza għall-valur tal-proprjetà aċċettata mill-qorti tal-eżekuzzjoni (valur tas-suq, l-Artikolu 54(1) tal-Att dwar l-Ispejjeż tal-Qorti). It-tariffi biex jitqassmu r-rikavati jiġu determinati abbażi tal-offerta rebbieħa, wara li jitnaqqas l-imgħax, inkluż il-valur ta' kwalunkwe drittijiet pendenti skont it-termini tal-irkant (l-Artikolu 54(2) u (3) tal-Att dwar l-Ispejjeż tal-Qorti). It-tariffa għall-konklużjoni tal-bejgħ trid tqis ukoll l-ammont li jirriżulta f'li l-offerent jitqies issodisfat mir-rikavati mill-bejgħ tal-art (l-Artikolu 54(2) tal-Att dwar l-Ispejjeż tal-Qorti). Fl-Anness 2 hemm tabella tat-tariffi għal valuri sa massimu ta' EUR 500 000. Minbarra t-tariffi, l-ispejjeż imġarrba fil-proċeduri jiġu imposti separatament, f'konformità mal-Parti 9 tal-iskeda tat-tariffi annessa mal-Att dwar l-Ispejjeż tal-Qorti; dawn jinkludu l-ispejjeż li jridu jitħallsu għall-valutazzjoni mis-surveyor tal-valur tas-suq tal-proprjetà f'konformità mal-Att dwar ir-Rimunerazzjoni Ġudizzjarja u l-Kumpens (*Justizvergütungs- und entschädigungsgesetz* – JVEG) (il-punt 9005 tal-iskeda tat-tariffi annessa mal-Att dwar l-Ispejjeż tal-Qorti).

Trid titihallas tariffa ta' EUR 110.00 għal deċiżjoni dwar ir-rikors għal ordni ta' riċevitura jew dwar talba biex tintervjeni fil-proċeduri. Ir-riċevitura stess hija soġġetta għal tariffa annwali bir-rata ta' 0.5, b'minimu ta' EUR 132.00 kumplessivament u minimu ta' EUR 66.00 f'kull wieħed mill-ewwel u l-aħħar snin kalendarji. L-ammont tat-tariffa jiġi determinat b'referenza għad-dħul totali mir-riċevitura (l-Artikolu 55 tal-Att dwar l-Ispejjeż tal-Qorti).

- e. Irkupru u miżuri koerċittivi li jiżguraw li l-azzjonijiet isiru, jitħallew isiru jew jinżammu milli jsiru:

Jekk id-debitur ikun rikjest li jċedi l-proprjetà mobbli, il-proprjetà trid tiġi rkuprata mingħand id-debitur permezz tal-uffiċjal ġudizzjarju u tgħaddi għand il-kreditur. Għal dan l-att uffiċjali, l-uffiċjal ġudizzjarju jimponi tariffa ta' EUR 28.60, f'konformità mal-punt 221 tal-iskeda tat-tariffi annessa mal-Att dwar l-Ispejjeż tal-Uffiċjali Ġudizzjarji. Minbarra din it-tariffa, jiġi impost ħlas addizzjonali għall-ħin, skont il-punt 500 tal-iskeda, jekk ir-rapport imfassal mill-uffiċjal ġudizzjarju jindika li l-eżekuzzjoni tal-att uffiċjali tkun ħadet iktar minn 3 sigħat. L-ammonti addizzjonali jammontaw għal EUR 22.00 għal kull siegħa addizzjonali jew frazzjoni minnha.

Jekk id-debitur ikun meħtieġ iċedi proprjetà immobbli, l-uffiċjal ġudizzjarju irid jieħu l-pussess mingħand id-debitur u jagħti l-pussess lill-kreditur (żgumbrament). Tiġi imposta tariffa ta' EUR 150.00 f'konformità mal-punt

240 tal-iskeda tat-tariffi annessa mal-Att dwar l-Ispejjeż tal-Uffiċjali Ġudizzjarji. Hawnhekk ukoll jiġi impost ħlas addizzjonali ta' EUR 22.00 għall-ħin, skont il-punt 500 tal-iskeda, għal kull siegħa addizzjonali jew frazzjoni minnha, jekk l-eżekuzzjoni tal-att uffiċjali tiegħu aktar minn 3 sigħat. Barra minn hekk, jiġu imposti wkoll l-ispejjeż skont is-Subparti 7 tal-iskeda tat-tariffi annessa mal-Att dwar l-Ispejjeż tal-Uffiċjali Ġudizzjarji, inklużi l-ispejjeż tas-servizzi meħtieġa pprovduti minn terzi, bħall-ġarr jew is-servizzi ta' ħaddied li jagħmel u jsewwi s-serraturi.

Fil-proċeduri quddiem il-qorti biex iġġiegħel it-twetliq ta' azzjoni (sew jekk tista' titwettaq biss mid-debitur u sew jekk tista' titwettaq minn persuna oħra f'postu), biex azzjoni titħalla ssir, jew biex azzjoni tinżamm milli ssir, trid titħallas tariffa tal-qorti li tammonta għal EUR 22.00 f'kull każ, f'konformità mal-punt 2111 tal-iskeda tat-tariffi annessa mal-Att dwar l-Ispejjeż tal-Qorti.

3.2 Il-kundizzjonijiet ewlenin

Miżuri ta' eżekuzzjoni fuq talba tal-kreditur ikunu ammissibbli biss jekk il-kreditur ikun fil-pussess ta' dokument eżekutorju li jstabilixxi l-pretensjoni tiegħu. Dan jista' jkun sentenza finali li ma għadhiex tista' tiġi appellata jew li hija proviżorjament eżegwibbli (l-Artikolu 704 ZPO) jew wieħed mid-dokumenti elenkati fl-Artikolu 794 ZPO (pereżempju saldi ġudizzjarji (*gerichtlicher Vergleich*), mandat ta' eżekuzzjoni (*Vollstreckungsbescheid*), jew att notarili). Bħala regola ġenerali, id-dokument irid ikun fih ċertifikat ta' eżekutorjetà tal-qorti (*Vollstreckungsklausel*) li jiċċertifika l-eżekutorjetà tad-dokument (l-Artikolu 724 ZPO). Ċertifikat ta' eżekutorjetà tal-qorti jkun meħtieġ biss f'każijiet eċċezzjonali għall-mandati ta' eżekuzzjoni, mandati ta' sekwestru kawtelatorji u mandati kawtelatorji oħrajn (l-Artikolu 796 ZPO; l-Artikoli 929(1), 936 ZPO). Barra minn hekk, l-eżekuzzjoni tista' tibda biss jekk id-dokument ikun diġà ġie nnotifikat lid-debitur jew jiġi nnotifikat fl-istess ħin (l-Artikolu 750 (1) ZPO).

4 L-għan u n-natura ta' miżuri eżekuttivi

4.1 Liema tipi ta' assi jistgħu jkunu suġġetti għall-eżekuzzjoni?

Il-beni mobbli, il-pretensjonijiet u drittijiet oħra ta' proprjetà u proprjetà immobbli tad-debitur jistgħu jkunu soġġetti għal eżekuzzjoni.

L-Artikolu 811 ZPO jispeċifika li ċerti beni ma jistgħux jiġu sekwestrati. L-għan huwa li d-debitur u l-unità domestika tiegħu jitħallew iżommu l-minimu essenzjali għal użu personali jew professjonali, pereżempju.

Japplikaw ukoll restrizzjonijiet fuq il-mandat ta' sekwestru għad-dħul li jkun qala' d-debitur. L-Artikoli 850 *et seq.* ZPO jipprevedu ċerti ammonti li ma jistgħux jiġu sekwestrati, billi d-debitur għandu bżonnhom biex jipprovidi għas-sussistenza tiegħu. Bilanċi ta' kreditu jistgħu jiġu protetti f'"kont eżenti mis-sekwestru" (*Pfändungsschutzkonto*, l-Artikolu 850k ZPO). Ċerti ammonti eżenti mis-sekwestru jinżammu f'dawn il-kontijiet irrispettivament mill-orijini tal-bilanċ ta' kreditu (l-Artikoli 899 *et seq.* ZPO).

4.2 X'inhuma l-effetti tal-miżuri eżekuttivi?

- Rigward id-debitur

L-eżekuzzjoni ta' pretensjoni monetarja kontra l-proprjetà mobbli tad-debitur isseħħ permezz ta' mandat ta' sekwestru u r-realizzazzjoni tal-proprjetà sekwestrata. Il-mandat ta' sekwestru huwa att uffiċjali li jwassal għall-konfiska tal-oġġett isekwestrat. Fost effetti oħrajn, il-konfiska ċċaħħad lid-debitur mis-setgħa li jiddisponi mill-oġġett sekwestrat.

- Fir-rigward tal-kreditur

Il-kreditur jakkwista dritt ta' rahan (*Pfandrecht*) fuq l-oġġett sekwestrat b'riżultat tas-sekwestru (l-Artikolu 804(1) ZPO). Id-dritt ta' rahan li jirriżulta minn sekwestru jstabilixxi dritt għall-użu tal-oġġett sekwestrat u li għandu jiġi ssodisfat mir-rikavat.

- Rigward partijiet terzi

Meta l-pretensjonijiet miżmuma mid-debitur kontra parti terza jiġu sekwestrati u ċeduti, il-parti terza ma tibqax tħallas lid-debitur; hija tista' tħallas pretensjoni li tkun ġiet ċeduta lil kreditur għal tnaqqis mill-pretensjoni tad-debitur lill-kreditur biss, u dan jirrilaxxaha mid-dejn tagħha. Parti terza li tikser dan l-obbligu tiffaċċja r-riskju ta'

azzjoni għal danni.

Jekk l-uffiċjal ġudizzjarju jkun issekwestra l-proprjetà immobbli li ma tkunx tappartjeni lid-debitur iżda lil parti terza, il-parti terza tista' topponi s-sekwestru tal-proprjetà tagħha permezz ta' oġġezzjoni ta' parti terza (*Drittwiderrspruchsklage*, l-Artikolu 771 ZPO).

4.3 X'inhi l-validità ta' miżuri bħal dawn?

Il-pretensjonijiet li ma għadhomx miftuħa għal appell u l-pretensjonijiet taħt saldi jew atti eżegwibbli huma soġġetti għal perjodu ta' limitazzjoni ta' 30 sena skont l-Artikolu 197 tal-Kodiċi Ċivili (BGB). Il-kreditur jista' jibda proċeduri ta' eżekuzzjoni fi kwalunkwe żmien matul dak il-perjodu.

5 Hemm possibiltà li d-deċiżjoni li tawtorizza din il-miżura tiġi appellata?

Ma hemm l-ebda proċedura skont il-liġi Ġermaniża biex tingħata eżekuzzjoni ġenerali. Minn dan isegwi li lanqas ma hemm rimedju speċifiku f'dan ir-rigward.

Lid-debitur jista' joġġezzjona għall-miżuri meħuda kontrih bħala parti mill-proċeduri ta' eżekuzzjoni. Huwa jista' joġġezzjona (*Erinnerung*) kontra l-manjiera tal-eżekuzzjoni. Jista' jressaq ilment immedjat (*Beschwerde*) kontra deċiżjoni meħuda fi proċeduri fejn ma tkun saret l-ebda seduta tas-smiġh (l-Artikoli 793, 567 ZPO). Dan l-ilment irid jitressaq f'perjodu ta' ġimagħtejn quddiem il-qorti li d-deċiżjoni tagħha qed tiġi opposta, jew quddiem il-qorti tal-appell.

Ir-rikors ta' dan ir-rimedju ma għandu l-ebda impatt fuq il-kontinwazzjoni tal-proċeduri ta' eżekuzzjoni mibdija; ma hemm l-ebda effett sospensiv.

Ir-rimedji (oġġezzjoni u lment immedjat) huma disponibbli wkoll għall-partijiet l-oħrajn fil-proċeduri (eż. kreditur jew debitur terz).

6 Hemm xi limiti fuq l-eżekuzzjoni, b'mod partikolari relatati ma' ħarsien tad-debitur jew preskrizzjonijiet?

Is-sekwestru tal-beni kollha tad-debitur (*Kahlpfändung*) mhuwiex permess. Hemm diversi salvagwardji fis-seħħ maħsubin biex jippermettu lid-debitur jgħix ħajja dinjituża, ara l-mistoqsija 4.1 hawn fuq.

Hemm ukoll projbizzjoni fuq is-sejwstru ta' aktar milli hu meħtieġ biex jiġi ssodisfat il-kreditur u biex jiġu koperti l-ispejjeż tal-eżekuzzjoni (projbizzjoni ta' sekwestru eċċessiv (*Verbot der Überpfändung*, l-Artikolu 803 ZPO).

Anness 1

Valur kummerċjali sa EUR ...	Tariffa Tabella B EUR ...	Valur kummerċjali sa EUR ...	Tariffa Tabella B EUR ...	Valur kummerċjali sa EUR ...	Tariffa Tabella B EUR ...
500	15.00	200 000	435.00	1 550 000	2 615.00
1 000	19.00	230 000	485.00	1 600 000	2 695.00
1 500	23.00	260 000	535.00	1 650 000	2 775.00
2 000	27.00	290 000	585.00	1 700 000	2 855.00
3 000	33.00	320 000	635.00	1 750 000	2 935.00
4 000	39.00	350 000	685.00	1 800 000	3 015.00
5 000	45.00	380 000	735.00	1 850 000	3 095.00
6 000	51.00	410 000	785.00	1 900 000	3 175.00
7 000	57.00	440 000	835.00	1 950 000	3 255.00
8 000	63.00	470 000	885.00	2 000 000	3 335.00
9 000	69.00	500 000	935.00	2 050 000	3 415.00
10 000	75.00	550 000	1 015.00	2 100 000	3 495.00
13 000	83.00	600 000	1 095.00	2 150 000	3 575.00
16 000	91.00	650 000	1 175.00	2 200 000	3 655.00

19 000	99.00	700 000	1 255.00	2 250 000	3 735.00
22 000	107.00	750 000	1 335.00	2 300 000	3 815.00
25 000	115.00	800 000	1 415.00	2 350 000	3 895.00
30 000	125.00	850 000	1 495.00	2 400 000	3 975.00
35 000	135.00	900 000	1 575.00	2 450 000	4 055.00
40 000	145.00	950 000	1 655.00	2 500 000	4 135.00
45 000	155.00	1 000 000	1 735.00	2 550 000	4 215.00
50 000	165.00	1 050 000	1 815.00	2 600 000	4 295.00
65 000	192.00	1 100 000	1 895.00	2 650 000	4 375.00
80 000	219.00	1 150 000	1 975.00	2 700 000	4 455.00
95 000	246.00	1 200 000	2 055.00	2 750 000	4 535.00
110 000	273.00	1 250 000	2 135.00	2 800 000	4 615.00
125 000	300.00	1 300 000	2 215.00	2 850 000	4 695.00
140 000	327.00	1 350 000	2 295.00	2 900 000	4 775.00
155 000	354.00	1 400 000	2 375.00	2 950 000	4 855.00
170 000	381.00	1 450 000	2 455.00	3 000 000	4 935.00
185 000	408.00	1 500 000	2 535.00		

Anness 2

Ammont mitlub sa EUR ...	Tariffa ... EUR ...	Ammont mitlub sa EUR ...	Tariffa ... EUR ...
500	38.00	50 000	601.00
1 000	58.00	65 000	733.00
1 500	78.00	80 000	865.00
2 000	98.00	95 000	997.00
3 000	119.00	110 000	1 129.00
4 000	140.00	125 000	1 261.00
5 000	161.00	140 000	1 393.00
6 000	182.00	155 000	1 525.00
7 000	203.00	170 000	1 657.00
8 000	224.00	185 000	1 789.00
9 000	245.00	200 000	1 921.00
10 000	266.00	230 000	2 119.00
13 000	295.00	260 000	2 317.00
16 000	324.00	290 000	2 515.00
19 000	353.00	320 000	2 713.00
22 000	382.00	350 000	2 911.00
25 000	411.00	380 000	3 109.00
30 000	449.00	410 000	3 307.00
35 000	487.00	440 000	3 505.00
40 000	525.00	470 000	3 703.00
45 000	563.00	500 000	3 901.00

Din il-paġna web hija parti minn [L-Ewropa Tiegħek](#).

Nilqgħu [l-feedback](#) tiegħek dwar l-utilità tal-informazzjoni pprovduta.



L-aħħar aġġornament: 20/01/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward

ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.